MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2009

Numru 2102/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

**Christopher Ellul 40 sena bin Emmanuel u Mary nee` Naudi, mwieled Sliema fis-16 ta' Gunju, 1968, residenti 240, Triq Sant' Orola, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 260668M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Ellul akkuzat talli nhar id-9 ta' Jannar 2009, ghal habta tat-8.30am gaewwa l-Belt Valletta:

1. Offenda l-pudur jew il-morali ta' Audrey Josephine Al-Ghahes detentrici tal-karta ta' l-identita` 138674M, b'eghil li sar flok pubbliku, jew f'lok espost

ghall-pubbliku bi ksur tal-Art. 209 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Barra minn dan fl-istess cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxen jew indecenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni bi ksur tal-Art. 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Barra minn dan akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li huwa ikkollabora mal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina pernali ta' l-imputat fejn jirrizulta car illi l-imputat ghandu problema serja psikjatrika li twasslu sabiex jikkommetti r-reati li dwarhom illum jinsab akkuzat. Jidher illi l-imputat ghandu bzonn kura psikjatratrika b'mod immedjat u dan peress illi l-ebda piena karcerarja ma tista' tiswa lill-imputat jekk huwa ma jigix mghejjun jeghleb il-problemi tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 209, 338(bb) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) xhur prigunerija b'rakkomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Habs illi l-imputat jinghata l-kura psikjatrika b'mod immedjat.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------